XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 431***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 59***
***L-Erbgħa 12 ta' Ottubru, 2011 fis-6:00pm***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:00pm*

*Preżenti:* *Dr Monica Vella – Sindku*
*Mr Joseph Vella – Viċi Sindku*
*Mr. Hubert Saliba – Kunsillier*

-------------------------------------------------------

*Skużati:* *Mr Teddy Mizzi - Kunsillier*
*Dr. Marthese Portelli – Kunsilliera*

-------------------------------------------------------

*Uffiċjali:* *Mr. Carmel Grima – Aġent Segretarju Eżekuttiv*

*Intqalet it-Talba.*

1. **<u>Introduzzjoni mis-Sindku.</u>**
Is-Sindku Dr Monica Vella qalet li sejħet din il-laqgħa b'urġenza minħabba li l-post ta' Segretarju Eżekuttiv huwa vakanti u jrid jimtela skont il-proċeduri tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Hi qalet li f'isem il-Kunsill kollu tirringrazzja lill-ex Segretarju Eżekuttiv is-Sur Ruben Cassar għas-servizz ta' snin twal li għamel fil-Kunsill. Is-Sindku qalet li bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv id-Dipartiment ħatar lis-Sur Carmelo Grima. Is-Sindku awgurat lis-Sur Grima fix-xogħol li daħal għalih. Il-pass li jmiss hu li jintbagħtu l-avviżi lill-persuni eliġibbli għal segretarji i.e. s-segretarji eżekuttivi preżenti u dawk il-persuni li huma fil-lista tal-*'Pooling'*. Il-Kunsill jilqa' applikazzjonijiet għal dan il-post vakant sa nhar il-Ħamis 27 ta' Ottubru f'nofsinhar. Fil-laqgħa li għandha ssir nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru 2011 jitkompla dan il-proċess.

2. **Korrispondenza:**
**Il-Korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa.**

a) **Laqgħa ma' Dr Livori**. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li Dr Livori ma setax iżomm l-appuntament għall-Ħamis (għada) minħabba mard fi-familja. Hu talab li din il-laqgħa titħalla għall-Ħamis tal-ġimgħa d-dieħla. Il-Kunsill ma jsibx diffikulta dwar dan. Is-segretarju għandu jinforma lill-kunsilliera assenti.

b) Ittra mill-Għaqda Drammatika Xewkija. Din l-għaqda lesta li toffri servizzi f'okkażjonijiet divertenti fix-Xewkija. Is-Segretarju għandu javviċina din l-Għaqda u jara x'kundizzjonijiet joffru.
c) Email minn Angelique Tabone dwar Ġnien Ta' Blankas Olive Grove. Il-Kunsill għandu jżid l-ammonti minn €70000 għal €73736.84. Il-Kunsill ser joħroġ 5% jiġifieri €3736.84.
d) Email mingħand il-Perit Edward Scerri dwar kont ta' A&E Mintoff & Co Ltd. Is-Segretarju għandu jiċċekkja l-kontijiet u jekk ikunu jaqblu isir il-ħlas.
e) Roundabout f'Tal-Barmil / Triq Imgarr. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta ta' Transport Malta izda l-Kunsill għandu r-riservi dwar din ir-roundabout. Is-Sindku għandha tikkuntattja lill-awtorita għal aktar spjegazzjoni.
f) Honoraria tas-Sindku. Is-Sindku qalet li d-Direttur tal-Kunsilli Lokali ċemplilha dwar l-honoraria zejda li ngħatat lis-Sindki u l-arranġament li kien sar għar-rifuzjoni kien għadu mhux infurmat bit-tnaqqis li sarilha fl-aħħar xahrejn. Is-Sindku qalet li d-Direttur infurmaha li d-Dipartiment ma rċieva l-ebda komunika dwar dan mingħand is-Segretarju. L-aġent Segretarju Ezekuttiv għandu jinforma lid-Direttur li fil-fatt it-tnaqqis sar.

3. **Approvazzjoni ta' Kontijiet.** Il-Kunsill approva l-kontijiet li hawn fil-lista annessa mal-minuti.

4. **Tmiem tal-Laqgħa.** Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru, 2011 fis-6:00pm.

Carmelo Grima
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku